# IC-CURKETT TAZ-ZWIEG BEJN SAN GUZEPP U MARIJA SSMA.

Skont it-tradizzjonijiet lokali, din il-knisja fl-Italja ghandha c-curkett li ħafna jsostnu li San Guzepp ta lill-Verġni Marija fl-okazzjoni taz-zwieg taghhom.



Ic-crieket taz-zwieg ghandhom storja antika u huma tipikament marbuta ma' tradizzjonijiet fil-Gudaizmu, Ruma u anke l-Babilonja.

Filwaqt li kull wahda minn dawn it-tradizzjonijiet giet zviluppata ghal divererersi ragunijiet, tindika l-

possibilita’ li San Guzepp ta curkett lill-Vergni Marija, fl-gherusija taghhom.

Dan huwa dettal zghir li ma huwiex imsemmi fl-Iskrittura, peress li l-bicca l-kbira tat-tradizzjonijiet tipikament tal-lokal jithallew barra mit-Testment il-Gdid billi  l-qarrejja originali kienu jkunu familjari ma’ dawn id-drawwiet.

Jinghad li Marija Ssma hallietu bhala rikordju lil San Gwann qabel ma hija mietet. U hadd ma jaf kif dan ic-curkett sab ruhu f’idejn lhudi negozjant.

Kien x’kien il-kaz, l-hekk imsejjah ic-curkett mirakoluz deher ghal l-ewwel darba fl-Italja fis-seklu 15. Il-leggenda tghid li haddiem tad-deheb minn Chiusi, fl-Italja, ircieva dan ic –curkett minghand negozjant tal-hagar prezzjuz lhudi madwar is-sena 1000.

Ic-curkett ghadda minn generazzjoni ghal ohra tal-familja Lhudija. In-negozjant kien ihoss li dak ic-curkett kien qed inissel fih certa biza’. Il-Vergni Marija dehret lin-negozjant Lhudi f’holma u wissietu li ma kienx qed izommu b’certa fidi u devozzjoni. Ghalhekk haseb biex jehles minnu.

Skont storja tal- 11 il-seklu, dan il-lhudi negozjant fil-hagar prezzjuz f’Ruma, tah lil wiehed haddiem tad-deheb minn Chiusi jismu Ranieri lejn tmiem is-seklu 10. Il-merkant lhudi  kien ammonih fuq dak li gara lilu. Ranieri ma emminx l-awtenticita’ tac-curkett sakemm ibnu z-zghir li kien ghadu kemm miet, temporanjament ha l-hajja u ta garanzija tac-curkett. Ic-curkett gie mbaghad trasferit fil-Bazilka ta’ Santa Mustiola barra l-hitan ta’ Chiusi. Fis-sena 1251 gie trasferit lejn id-Duomo ta’ Chiusi li kien amministrat mill-kanonċi ta’ Santa Mustiola ghal aktar sigurta’. Rega’ gie trasferit din id-darba fil-Knisja ta’ San Frangisk fi Chiusi fis-sena 1420.

IC-CURKWETT JINSTERAQ

Skrizzjoni fuq il-klawsura tal-Palazzo delle Canoniche tfakkar li certu Fra Wintherius gab ic-curkett gewwa Perugia fis-sena 1473 u ftiehem permezz ta’ intermedjarju li jaghtih bhala don lill-belt.

Meta nkixfet l-istorja tac-curkett, il-Fra gie arrestat u mitfugh il-habs fejn dam sentejn sakemm ikun investigat, imma gie mehlus u baqa’ gewwa Perugia. Huwa serva bhala rettur ta’ San Giovanni del Mercato, illum il-Kappella ta’ San Giovanni Battista

tal-Collegio di Cambio, sakemm miet fis-sena 1506. Huwa gie midfum fil-kappella tas-Santo Anello gewwa Perugia.

Imma dak li l-iskrizzjoni ma tghidx, u thalli barra li kien il-Fra nnifsu, Wintherius, li kien seraq ir-relikwa waqt li kien fuq zjara fil-kunvent tal-Frangiskani gewwa Chiusi. Is-Sieniz li kien jikkontrolla lil Chiusi appella lill-Papa Sistu IV biex ic-curkett jintradd lura lil Chiusi, izda l-Papa ddecieda favur Perugia. Ic-Curkett inzamm maqful wara gradilja tal-metal f'Palazzo dei Priori gewwa kaxxa tinqafel b'sebat icwievet.



Is-sieniz ma qatax qalbu u kompla bin-negozjati iebsa mal-mexxejj tal-Knisja sas-sena 1486 sakemm il-Papa ta' dak iz-zmien Innocenz VIII iffavorixxa lill-Perugjani.

## IL-KULT F'PERUGIA

Fis-sena 1487 il-Frangiskan Bernardino da Feltre ippridka f'Perugja dwar l-importanza tal-kult ta' San Guzepp li l- festa tieghu kienet iddahhlet fil-kalendarju fis-sena 1479, u anke wkoll fuq is-Santo Anello. Il-Frangiskan waqqaf il-Compania di San Giuseppe li kellha l-mandat biex tappoggja dawn il-kulti. Huwa nnifsu sar l-ewwel membru taghha. Fra Bernardino kiseb ukoll permess biex dik li kienet il-Cappella ta' San Bernardino da Siena terga' tigi dedikata lil San Guzepp.

Il-festa tieghu giet iccelebrata f'Perugia għall-ewwel darba fil-31 ta' Lulju 1487. L-Isqof Dionisio Vagnucci ghadda s-Santo Anello minn Palazzo dei Priori għall-kappella l-gdida fid-Duomo (komunement imsejħa l-Cappella del Santo Anello) sena wara.

Ir-relikwa tinsab f'relikwarju (1498-1511) mahdum minn Federico u Cesarino Roscetto, li fih ic-curkett

ta' San Guzepp huwa imdendel minn kuruna tal-fidda indurata (1716) li nghatat minn Ippolito della Corgna. Ir-relikwarju normalment ikun wara purtieria fuq l-altar f'din il-kappella. Madankollu, jigi esebit fuq l-artal kull 31 ta' Lulju, l-anniversarju tat-transalzzjoni tieghu ghall-Cappella del Santo Anello. Hija tradizzjoni li hafna mizzewwgin u gharajjes jitilghu imissu c-crieket taghhom mac-curkett ta' San Guzepp bhal sinjal ta' tama ghal zwieg hieni u mbierek.

Interessanti bizzejjed l-awtur Miska Michele Tosti kiteb fil-ktieb tieghu, il-Santo Anello: Legenda, Storia, Arte, Devozione li investigazzjoni li saret fis-sena 1949 – 50, issuggeriet li r-relikwa hija fil-fatt curkett ta' ragel mis-seklu 1 AD. Imma fl-istess hin huwa difficli ghall-istorici li jghaqqdu dak ic-curkett mal-Vergni Marija u San Guzepp.

Hu x'inhu, ic-curkett jindika z-zwieg qaddis u fidil li kellhom Marija u Guzeppi li ipprovdew dar ghalkemm fqira, izda sabieha u mimlija imhabba, li fiha trabba Gesu'.